

# San Ġorġ Preca

Ġejt mitlub nikteb dawn il-ftit versi fost il-ħafna mill-ħajja tal-fundatur tagħna tas-soċjetà tal-MUSEUM, San Ġorġ Preca.

Il-kanonizzazzjoni tal-fundatur San Ġorġ hi ħolma li ssawwret fil-qlub tas-soċi ta' qabilna li tħabtu u stinkaw għalina b'żelu kbir. Esperjenza li aħna qed ngħixuha mingħajr ebda mertu tagħna. San Ġorġ kien saċerdot mibgħut minn Alla u msejjaħ għall-qdusija. Filwaqt li nesprimu s-sentimenti ta' radd il-ħajr lil Alla għal din il-grazzja kbira li Hu qed juri magħna fejn wieħed minn ħutna ġie mogħti l-għola ġieh fil-knisja. Irridu nfakkru li aħna wkoll irċevejna sejħa għall-qdusija u li ġejna maħluqa biex naslu fejn wasal qabilna San Ġorġ.



"Il-fidi kollox", kien spiss jirrepeti San Ġorġ. F'din l-okkażjoni naraw stedina biex niskopru l-fidi f'Alla 'l Missier ta' Ġesù Kristu. Il-karba ta' San Ġorġ li għada tidwi fil-qlub ta' ħafna li semgħuh f'ħajtu, tfakkarna li ħajjitna tieħu sehem jekk nibnuha sħiħ mill-ġdid fuq il-pedamenti tal-fidi. San Ġorġ kien il-ħabib ta' l-evanġelu.

It-tagħlim fil-fidi jiġi mir-riflessjoni u l-meditazzjoni fuq il-kelma t'Alla. F'dan il-mument ta' grazzja għall-poplu tagħna, San Ġorġ jerġa jtennielna l-istess bil-kelma tiegħu biex ilkoll kemm aħna nsiru ħbieb ta' l-evanġelu. Tassew kien benefattur ewlieni tas-soċjetà tagħna tal-mużew.

Fit-tlieta ta' Ġunju pajjiżna kellu x-xorti li għall-ewwel darba fl-istorja tiegħu, wieħed mill-ulied li l-aktar li għamel ġid, ġie mogħti l-ogħla unur mill-Knisja Maltija u Universali. San Ġorġ twieled fit-12 ta' Frar 1880 u miet fis-26 ta' Lulju 1962. Għadda ħajtu jagħmel il-ġid, l-aktar permezz tat-tagħlim li hu kien tant jisħaqq li hu l-għajn ta' kull ġid. San Ġorġ kien spiss jirrepeti li Alla jħobb lil kull min kien iħobb it-tagħlim. San Ġorġ, kemm bħala bniedem u wisq aktar bħala saċerdot, kien jisħaqq li t-tagħlim biss jista jwassal lill-bniedem biex jagħraf, iħobb u jaqdi lill-Ħallieq Tiegħu. San Ġorġ, li kien fehem sew il-polz tas-soċjetà , kien iħobb jirrepeti li t-tagħlim għandu jkun l-istudju ewlieni u essenzjali tal-bniedem.

Nirringrazzja lil min tani din l-opportunità biex San Ġorġ ikun magħruf u maħbub minn kulħadd. Sabiex nagħlaq, ħuti fi Kristu, naħtfu din l-opportunità qabel ma mmorru u ma nerġgħux niġu.

**IVAN'S BUTCHER SHOP**

11, Main Street Mellieħa

***Best Quality Meat & Frozen Foods***

*Opening Hours* Mon to Thurs 7.00am to 12.00pm / 3.30pm to 6.30pm
Friday (Open all Day)
Saturday 7.00am to 12.30pm